# Fl-40 Sena mill-miġja ta' l-istatwa f'Santu Rokku: Festi Speċjali lil S. Rita

John Tonna

Il-festi lil S. Rita f'Birkirkara dis-sena saru kemm fil-Kolleġġjata kif ukoll fil-Knisja l-Qadima, li kien għad kif ġiet iddikjarata parroċċa. Peress li din hi s-Sena ta' l-Ewkaristija, il-Ġimgħa 13 ta' Mejju sar vjatku solenni mmexxi mill-Prepostu u Arċipriet, r-Rev.mu Kan. Anton Cassar, li hu rettur tal-knisja ta' S. Rokku, fl-inħawi tagħha u 'l għada sar Get Together fis-Sala Parrokkjali. Imbagħad il-ħadd 15 ta' Mejju kellna l-quddiesa li ċċelebraha l-Prepostu wkoll, u li kienet trasmessa fuq it-TVM mill-knisja ta' l-Orsolini fi Gwardamanġa.



It-Tridu mit-Tnejn 15 sa' l-Erbgħa 18 ta' Mejju sar fil-Knisja l-Qadima b'quddiesa u priedka mill-W.R. Kan. Ġużeppi Micallef, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni tiegħu. Il-Ħamis imbagħad sar il-pellegrinaġġ mill-Knisja l-Qadima sal-Bażilika Elenjana. Wara quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons. Vincent Costa, Isqof (Karkariż) ta' Umuarama fil-Brażil, fejn ilu fil-missjoni għal 36 sena. Fil-Bażilika l-pellegrinaġġ intlaqa mill-E.T. Mons. Ottorino Alberti, Arċisqof Emeritus ta' Cagliari, li kien il-mistieden speċjali għal dawn il-festi. Wara saret quddiesa mill-istess Mons. Alberti, li matulha uża f'partijiet l-ilsien Malti.

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju l-Arċisqof Alberti qaddes f' S. Rokku, fejn ilu jiġi jqaddes kull meta jkun Malta għal dawn l-aħħar 30 sena. Is-Sibt żar il-qabar ta' l-ex-Prepostu Mons. Injazju Sciberras Psaila li kien ħabib tiegħu. Fil-għaxija, flim-

ma' l-Isqof Costa, kellhom laqgħa sabiħa fil-Każin S. Elena u mbagħad qaddes fil-knisja tal-Vitorja.

Il-Ħadd 22 ta' Mejju, il-jum liturġiku ta' Santa Rita, fil-Bażilka saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Dak inhar l-Arċisqof Alberti qaddes f'S. Rokku fl-10.00 a.m. u Mons. Costa fil-Kolleġġjata. Qabel il-quddiesa saret is-supplika lil S. Rita. Fil-għaxija mbagħad l-Isqfijiet Alberti u Costa kienu mistednin tal-Banda Duke of Connaught's Own.

It-Tnejn 23 ta' Mejju sar l-għeluq ta' dal-festi speċjali lil S. Rita. Fis-6.30 p.m. fil-Bażilika saret quddiesa kkonċelebrata mill-Isqfijiet Alberti, Costa u Nikol Cauchi ta' Għawdex, li dan l-aħħar kull sena jonorana bil-preżenza tiegħu f'Birkirkara għall-festa ta' S. Rita. Ikkonċelebraw ukoll ir-Rev.mu Prepostu u l-W.R. Kapitlu Elenjan u s-saċerdoti li jagħtu servizz f' S. Rokku. Il-kongregazzjoni tmexxiet mill-E.T. il-President Dr. E. Fenech Adami u s-sinjura Adami, mis-Sindku ta' Birkirkara s-Sra. D. Borg u mill-Onor. J. Debono Grech M.P. u s-Sinjura. L-Onor. Debono Grech għeni ħafna biex dawn il-festi jitfasslu u jitwettqu.

Fl-aħħar tal-quddiesa ir-Rev. mu Prepostu u rettur ta' S. Rokku ppreżenta s-somma ta' Lm5.000 għal 20 borża ta' studju, lill-Isqof Costa. Dawn inġabru minn 20 benefattur u sakemm ġie biex iħalli Malta l-Isqof Costa nqalgħu erba' benefatturi oħra u hekk is-somma telgħet għal Lm6,000. Wara l-quddiesa l-istatwa ttieħdet quddiem il-Knisja ta' S. Rokku akkumpanjata mid-devoti u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina. Sar it-tberik tal-fjuri u r-repożizzjoni tar-relikwija u ngħatat it-Trina Benedizzjoni Sagramentali minn Mons. Alberti.

Għal dawn il-festi u fis-Sena ta' l-Ewkaristija ġiet inawgurata faċċata ġdida tal-bronż maħduma l-Italja, li turi l-Aħħar Ċena, għall-artal mejda. Tħallset minn benefattur u l-familja tiegħu.

Nhar it-Tlieta 7 ta' Ġunju sar l-ikbar pellegrinaġġ li qatt sar minn Malta għal Cascia, pajjiż S. Rita – konna 288 persuna, 91 minnhom mill-knisja ta' Santu Rokku. Tirna kmieni fil-għodu f'żewġ ajruplani ta' l-Air Malta. Meta wasalna Perugia laqagħna s-Sindku u l-crew tar-RAI, minħabba din l-okkażjoni unika. Inċidentalment, l-ajruplan li konna fuqu kien jismu BIRKIRKARA.

Nirringrazzja lid-devoti kollha ta' S. Rita li bil-għajnuna tagħhom u flimkien miegħi, għamilna din il-feta speċjali u sabiħa li tibqa' mfakkra